# *FLIELI TAL-BITTIEH*

## Poeżija ta' Mary Meylaq

*Fuq baħar tal-għażel tħobb tgħaddi,*
*Ma' nofs in-nhar sew, qatgħa dgħajjes,*
*Mgħobbija bi ħlewwa li tisboq*
*Il-għasel ta' qamar-l-għarajjes.*

*Kull dgħajsa minn dawn, lewn il-krema,*
*Daqqiet tagħti lemħa lill-qamar,*
*Daqqiet nistħajjilha benniena*
*Qed tħannen liż-żrieragħ bis-sabar.*

*X'uħud, dad-dgħajjes, dehrilhom*
*Li telqu flimkien lajma lajma*
*Minn qalb id-dwieli u l-lumi*
*Ta' Spanja li toħlom imqajma.*

*Minn qalb it-tango tal-palmi*
*'Ma l-ħlewwa u l-benna mnejn ġiet.*
*Jekk mhux mill-manna tal-ġenna*
*Li darba l-art tagħna għattiet?*

*U x-xitla għaqlija u faddala*
*Tat-tajjeb u ħlejju bittieħ*
*X'ħin rat il-manna tiskarsa*
*Bdiet taħżen u tgezzez qatigħ;*

*Miljuni ta' btieti żgħar timla'*
*Rifdithom bi ħbula rqaq sifja*
*Biex wara, kull sajf minn dil-ħażna*
*Iddewwaq u tgħaxxi lid-dinja.*

*F'kull port li jidħlu dad-dgħajjes*
*Il-logħ'b u t-tbissim jistenniehom*
*U mħażen mudlama jitbexxqu*
*Biex jilqgħu lit-tagħbi ta' fihom.*